**Martin Gravina** *Dip. Educ. (Adm. & Mangt.)*

# *Mons. Ludovik Mifsud Tommasi – l-Awtur tal-Kurunella ta' Santa Marija*

ISEM MAĦŻUŻ B'ITTRI SBIEĦ FL-ISTORJA TAL-LETTERATURA MALTIJA HU, BLA TMERIJA, DAK TAL-QASSIS DR DUN DOVIK MIFSUD TOMMASI MHUX GĦALIEX BĦALA POETA INGĦAŻEL MILL-OĦRAJN GĦAL XI DEHRIET TA' KOBOR U TA' ĠMIEL BARRANIN, JEW GĦALIEX FIS-SURA TAL-KITBA FETAĦ XI TRIQ ĠDIDA, INKELLA GĦALIEX FIL-KLIEM LI ĦADDEM U FIL-VERSI LI NISEĠ KIEN DEJJEM BLA NUQQAS TA' XEJN JEW BLA NIKTA; LE; IMMA GĦALIEX HU KIEN WIEĦED MILL-EWLENIN LI ĦADMU DIN L-GĦAMLA TA' KITBA, JIĠIFIERI L-POEŻIJA, JEW "TQABBIL" KIF ISEJĦILHA HU: U KITEB HEKK BIR-RFUS FUQ ĦWEJJEĠ IMQADDSA, ILLI LLUM M'HAWNX KTIEB TA' DEVOZZJONI LI MA FIHX XI KURUNELLI MINN TIEGĦU...

Dun Karm Psaila 1930 Il-Malti, Ir-raba' ħarġa, p.102



Ludovik Mifsud Tommasi twieled f'Bormla nhar it-18 ta' Novembru 1796 minn familja li kienet tat-tajjeb. Missieru, Francesco Mifsud li kien fin-negozju kien miżżewweġ lil Angelica Tommasi u minn dan iż-żwieġ kellhom ħdax-il tifel u tifla - sitt ibniet u ħames subien. Ludovik kien l-ewwel wild ta' din il-familja u jidher li l-ġenituri tiegħu kienu ddestinawh minn età żgħira għas-saċerdozju.

Meta kellu għaxar snin, Ludovik kien daħal fis-seminarju bħala border, fejn imbagħad kompla bl-istudji tiegħu fl-Università ta' Malta, minn fejn ġab id-dottorat kemm fil-liġi ekkleżjastika u ċivili kif ukoll fit-Teoloġija. Mifsud Tommasi kien wera sinjali bikrin ta' inklinazzjoini lejn il-letteratura.

Fit-23 ta' Diċembru 1820, kien ordnat saċerdot mill-Isqof Ferdinandu Mattei, fejn imbagħad kompla fl-istudji tal-letteratura Latina u Taljana ġewwa Ruma.

Fl-1826, ikkummissjona lill-pittur Pietro Paolo Caruana (1793 -1852) biex ipinġi kwadru titulari tal-Immakulata Kunċizzjoni. Meta din il-pittura tlestiet fl-1828, huwa rregala din l-opra - li għaliha kien ħallas 600 skud - lill-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla. Dan it-titular kien ħa post dak li kien hemm qabel li kien xogħol tal-pittur Carlo Gimach (1671- 1730). Il-kompożizzjoni li naraw fuq it-tila hija preżentazzjoni tat-tagħlim teoloġiku tal-Immakulata Kunċizzjoni kif imnebbaħ mill-għaref teologu Dun Ludovik. Interessanti wkoll li f'din il-pittura, Pietro Paolo Caruana kien uża l-oħt Ludovik, Magdalena, bħala mudella għall-figura tal-Madonna. Hija kellha 24 sena. F'din il-pittura hemm inklużi l-arma tal-familja Mifsud Tommasi u s-sena 1828. Fil-25 ta' Ġunju 1905,

dan it-titular kien solennement inkurunat mill-Kardinal Domenico Ferrata (1847 -1914).

Dun Ludovik kien ħa l-pussess ta' kanonku tal-parroċċa ta' Bormla fit-2 ta' Jannar 1858, fejn baqa' sal-20 ta' Lulju 1868, meta l-Isqof Gaetano Pace Forno O.S.A. ħatru bħala Monsinjur (kanonku) tal-Katidral.

Meta l-kappillan tal-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ, Dun Tommaso Xicluna xjaħ u kellu wkoll nuqqas ta' saħħa li kienet qed ixxekklu minn dmirijietu, għażel minn jeddu bħala vigarju tiegħu lil Dun Ludivico Mifsud Tommasi. Ir-raġunijiet li l-kappillan ġab għal din l-għażla kienu:- li kien jipposedi l-attitudnijiet neċesarji, kien onest u allura wieħed seta' jafdah, kellu r-rekord akkademiku u kien ukoll magħruf għas-servizzi tal-predikazzjoni u tal-qrar. Sabiex din in-nomina seta' jkollha effett sħiħ, Don Tommaso Xicluna awtorizza lil Mifsud Tommasi biex jidher f'Ruma f'ismu quddiem il-Qdusija Tiegħu biex jikseb l-approvazzjoni sabiex huwa (il-kappillan) seta' jiddelega lil ħaddiħor. Dun Ludovik ħadem biex il-parroċċa ta' San Filep ta' Ħaż Żebbuġ tkun mgħollija għal arċipretali, fejn huwa kien sar l-ewwel arċipriet ta' dik il-parroċċa. *"questa chiesa (parrochiale) fu eretta in arcipretale per opera del Sac. Dr. Ludovico Mifsud Tommasi, come per bolle apostoliche di Pio VIII, speditegli 8 giugno 1829……….."… il quale … ottenne da Roma l'erezione della chiesa parrocchiale in arcipretale, di cui fu designato per primo arciprete…."*

Madankollu, id-destin ħassar li Mifsud Tommasi jesgwixxi d-dritt tiegħu ta' arċipriet minħabba l-fatt li l-Isqof Mattei miet fl-14 ta' Lulju, 1829, qabel ma huwa ngħata l-pussess t'arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ. Bil-ħatra tal-Isqof Franġisku Saverju Caruana (28 ta' Frar 1831) li kien Żebbuġi u li jingħad li ma kienx jaqbel wisq ma' Tommasi, ħajru (jew aktar ġiegħlu) li jirrinunzja għall-arċipretura. L-Isqof wegħdu li 'l quddiem jinnominah monsinjur tal-Katidral. Filwaqt li Mifsud Tommasi aċċetta din il-proposta, huwa ngħata post ta' għalliem tal-istorja ekkleżjastika fis-Seminarju. Meta l-Isqof Caruana miet nhar is-17 ta' Novembru 1847, Dun Ludovik Mifsud Tommasi kien għadu ma sarx monsinjur.


L-isqof Francesco Saverio Caruana

Minn naħa l-oħra, il-Gvern Ingliż kellu rispett kbir lejn Dun Ludovik Mifsud Tommasi kemm minħabba l-kwalitajiet personali tiegħu, kemm għas-servizzi mogħtija lill-Knisja kif ukoll minħabba l-familja rispettabbli li kien ġej minnha. Għaldaqstant, il-Gvernatur Sir Frederick Cavendish Ponsonby (1826 – 1836) kien wera xewqa li jipproponih li jkun innominat bħala arċidjaknu bid-dritt kollu li jkun is-suċċessur tal-Isqof Francesco Saverio Caruana (1831 – 1847). Imma Dun Ludovik kien irrifjuta din it-talba minħabba li ma kellu ebda ħajra għal karigi ekkleżjastiċi ta' dan il-livell.

Wieħed jista jikkumenta li dawn iż-żewġ każijiet imsemmija wasslu lil dan il-qassis li mill-1833 jaħdem qatigħ fuq it-talent tiegħu - dak letterarju - li influwenza numru kbir ta' kittieba.

Emmen u ħadem ħafna fl-użu tal-lingwa Maltija bħala l-mezz qawwi għall-edukazzjoni tal-poplu. Għal dan il-għan, fl-1834, fetaħ skola fid-dar tiegħu, f'numru 91, Strada Levante, il-Belt Valletta għat-tagħlim tal-ilsna, il-filosofija, ix-xjenza u l-letteratura. Dun Ludovik kien il-poeta ta' diversi innijiet mqaddsa kif ukoll ta' numru ta' kurunelli, hekk li fl-1835, fl-Istamperija tal-Gvern, huwa ppubblika l-ewwel ġabra ta' kurunelli li kien kiteb għal diversi titulari. Insibu wkoll li bejn l-1835 u l-1837 hu ppubblika mhux anqas minn wieħed u għoxrin ktejjeb fl-istess stamperija. Fi żmienu, il-


CURUNELLA
LI TINGHAD FIL QUINDICINA
TAT-TELGHA FIS-SEMA
TA
MARIA SANTISSI A

Sac. Ludovico Mifsud Tomm

MALTA
Stamperija ta Giov. Muscat, 213 Sda. S. Ursola.
1918.

Ritratt tal-Kurunella, ħajr lil Bertram Portelli

kurunelli bil-Malti kienu wisq popolari u nisslu fil-poplu ta' żmienu interess kbir, għax barra li fihom kellhom bħala ċentru l-ħajja Nisranija kienu nisslu sens lingwistiku nazzjonali. Dan il-qassis kien jippublika bejn 500 u 700 kopja li kien iqassamhom b'xejn, sabiex b'dan il-mod kien jinkoraġġixxi lin-nies jitgħallmu u jimmemorizzaw innijiet u ġakulatorji.

Bħala Latinista kbir huwa ttraduċa l-innijiet sagri għall-Malti u ppubblikahom fil-ġurnal "Il-Malti" fejn fl-1853, ippubblika fi ktejjeb l-innijet sagri kollha, l-antifoni tat-tmiem tal-brevjar, u sekwenzi tal-missal. Skont kitbietu dan għamlu għal din ir-raġuni: *" Jiena gibt dawn l'inni bil malti biex min ma jifhimx il-Latin jista jifem, itieghem, jitghallem, u ighallem fuk collox lil dauc li ma jafux hlief ighannu, u ihanninu ghana fierah, u li aktarx ihassar il kalb. X'hagia sabiha chienet tcun jec ma jistamax hlief it-tifhir l'Alla! L'art chieneet timbidel f'Genna, jonksu il htiet, jonkos il hemm, toctor mal fidi, u it-tama l'imhabba t'Alla, u mis-sema ma tinzilx hlief barca. Dan nixtiek, dan nitma, u dan bil ghainuna t'Alla, u it-talb ta Sittna Maria isehh, u hec icun".*

Fost ix-xogħlijiet miktuba minn Mons. Ludovik Mifsud Tommasi nsibu: Stabat Mater Dolorosa; Christe Sanctorum Decus Angelorum u Magnae Deus Potentiae, u dawn il-kurunelli; Santa Margerita (patruna tas-Sannat), Sant Andrija (patrun ta' Hal Luqa), San Ġorġ (patrun ta' Hal Qormi u tal-Belt Vittorja Għawdex), Tifħir u Talb lil Sidtna Marija Omm Alla meqjuma fid-dar tagħha ta' Loretu" u lill-Assunta (patruna tal-gżejjer Maltin). Flimkien ma' Ġan Anton Vassallo, fl-1853 kien ippubblika "Poesie Maltesi ad Uso delle Scuole Primarie".

Minkejja li meta kiber marad b'marda senili u li żammitu magħluq f'daru kif ukoll nieqes mid-dawl, baqa' jagħti sehemu b'kitbietu, fil-poeżija Maltija fil-Habbar Malti (1878).

Kien il-Hamis 23 t'Ottubru 1879 meta l-qniepen tal-Katidral daqqew il-mota melankonika fejn ħabbru l-mewt ta' Mons. Ludovik Mifsud Tommasi fid-dar numru 17, Piazza Celsi, l-Imdina. Huwa ġie midfun fil-Katidral tal-Imdina, kif kienet ix-xewqa u l-ordni tiegħu skont it-testment li kien għamel fl-20 t'Awwissu 1869.

Id-dinjità ta' Kanonku (Monsinjur tal-Katidral) li kellu Mons. Tommasi kienet għaddiet lir-Rev. Dun Gafiero.

Fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fil-parroċċa tal-Gudja, tinqara l-kurunella ta' Santa Marija li kiteb Mons. Ludovik Mifsud Tommasi. Din is-sena qed tkun riprodotta dik oriġinali fejn ir-ritornell fin tagħha jgħid:

**O MARIJA, KEMM INT GRAZZJUŻA - INTI L-OMM L-IŻJED GLORJUŻA,**
**INTI L-BINT, INTI L-GHARUSA - TAL-IMQADDSA TRINITÀ.**
**MELA LILEK, O MARIJA - AHNA NAGHTU DIL-FOHRIJA,**
**SABIEX MIEGHEK IMHENNIJA - NIĠU ŻGUR FL-ETERNITÀ.**

## BIBLIJOGRAFIJA

Joe Mangion, Ludovik Mifsud Tommasi Kriterji Letterarji u Popolari, Il-Malti 1980, p. 23.

Profs. Ġ. Aquilina, Il-Muża Maltija Antoloġija ta' Poeti Maltin (2ni edizzjoni), 1964 p. 26.

Fr. Joe Calleja, Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800 -2000, 2001 p. 10.

J. Cassar Pullicino, The Priest who declined a Bishopric, Melita Historica 1982, p. 213.

Dun Karm Psaila, Ktieb ieħor tal-Qassis Dr. Ludoviku Mifsud Tommasi, Il-Malti 1930, p. 102.

Kan. Dun Joe Abela, Bormla – Fuljett Parrokkjali Diċembru 1996, p. 16.

A. FERRES, Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo... Malta, 1866, p. 413.

https://akkademjatalmalti.org/ilsien-malti/l-istorja-tieghu/

Profs. J. Aquilina, Gallery of Distinguished Maltese, Times of Malta, 14th. February 1978 p. 5.

Risorgimento, 23 Ottobre 1879 p. 2

Portafoglio Maltese, 27 Ottobre 1879 p. 3

Joseph Borg, Distinguished Maltese, Times of Malta, 18th. February 1978 p. 10.

TOYLAND SINCE 1931

Toys Toys and Toys

Est. 1981

For all kinds of
Marble, Quartz & Granite Works,
Staircases, Monuments, etc...

Camilleri Marble Works Ltd

Factory & Showroom: Tarxien Road, Gudja GDJ 1905
Mobile: 9946 8711 / 7905 7782
Tel/Fax: 2169 6571
E-mail: lcamill52@gmail.com








